MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1406/2000/1

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li ma kienx aktar possibli ghall konvenut illi jkompli jaghmel xoghol ta' *programming* fuq *computer* li kien jirrikjedi koncentrazzjoni u pacenjza u ambjent seren meta hu kien qed jigi assoggettat ghal atmosfera ta' storbju, intimidazzjoni, kliem hazin u dagha ghal perjodu kontinwat.

Kuntratrjament ghal dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-atturi, r-relazzjoni bejn il-konvenut u Louis Busutill ma kienitx wahda tajba u ghalkemm il-konvenut ipprova jirranga u jwassal l-ilmenti tieghu permezz ta' dawk ta' fuqu, lill-Managing Director, izda jihder li s-sitwazzjoni baqghet kif kienet u ma trangatx u l-konvenut ma kellux triq ohra hlief li jirrizenja.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milquha.

Jirrizulta li dina l-eccezzjoni kienet immirata biss ghall-ewwel talba ta' l-atturi, u ghalhekk it-tieni talba qaghad trid tigi ezaminata flimkien mat-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut
u tichad l-ewwel talba ta' l-atturi
spejjez ghall-atturi

U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni u provi fuq it-tieni talba ta' l-atturi ghall-1 ta' April, 2004.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------